# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 24 ta' Frar 2022**

Appell numru 131/2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Mario CAMILLERI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Rat l-imputazzonijiet miġjuba kontra Mario CAMILLERI u li permezz tagħhom in suċċint ġie mixli talli fit-23 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta ta' 1200 fi Triq Binġemma, limiti tar-Rabat, Malta:

i. Ikkommetta ħsara volontarja a dannu ta' Mark Anthony Rapa;
ii. Saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABQ-567 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża;
iii. Żamm jew ġarr strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;
iv. Talli ikkaġuna biża f'Mark Anthony Rapa li kienet se tintuża vjolenza kontra tiegħu;
v. Li hedded jew inġurja lil Mark Anthony Rapa;
vi. Li kiser il-kwiet jew il-bon-ordni pubbliku;

vii. Li kkommetta dawn ir-reati matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-3 ta' Marzu 2016;

viii. Li kkommetta dawn ir-reati matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-31 ta' Mejju 2016;

ix. Li rrenda ruħu reċidiv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Rat illi permezz tas-sentenza datata 8 ta' Marzu 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat mhux ħati tar-raba' imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena filwaqt li sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu filwaqt li kkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha ħlief għas-seba' u tminn imputazzjonijiet. Inoltre ordnat li s-sentenzi mogħtija kontra l-imputat appellant imsemmija fis-seba' u tminn imputazzjonijiet jiġu reżi operattivi biex b'hekk ikkundannatu għal perjodu ieħor ta' priġunerija għal żmien disa' xhur. B'kollox għalhekk l-appellant ġie kundannat jagħmel ħmistax il-xahar priġunerija. Il-Qorti ordnatlu wkoll iħallas l-ispejjeż peritali relattivi għar-relazzjoni ta' Dr. Matthew Xuereb. Il-Qorti ħarġet ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Mark Anthony Rapa fis-sensi tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali għal perjodu ta' sentejn u li fin-nuqqas jiġi kundannat għal perjodu ta' tliet xhur priġunerija. Apparti dan il-Qorti issospendiet lill-imputat milli jottjeni jew iżomm liċenza għas-sewqan għal perjodu ta' tliet xhur fis-sensi tal-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre ordnat li din is-sentenza kellha tiġi notifikata lir-Reġistratur sabiex jiġbor il-flejjes dovuti lilu in rappreżentanza mar-relazzjoni peritali ta' Dr. Matthew Xuereb.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat li permezz tiegħu huwa talab ir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant mhux ħati tar-raba' imputazzjoni u minnha ġie liberat filwaqt li tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha kif ukoll fejn imponiet il-piena kontra

tiegħu nonche rrendiet operattivi s-sentenzi ta' priġunerija sospiżi, kif ukoll fejn ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali nonche s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan biex b'hekk jiġi liberat minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza u dan wara li saħaq illi:

i. Kien hemm kunflitt fil-provi prodotti u li in bażi tagħhom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni stante li l-verżjoni mogħtija mill-parte civile ma kienetx ko-erenti mal-imġieba tiegħu meta seħħ l-allegat inċident u l-episodju li seħħ l-għada meta mar jikkonfronta lill-appellant;
ii. Kien hemm kunflitt fil-provi prodotti u li in bażi tagħhom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issibu ħati tat-tieni imputazzjoni stante li l-verżjoni mogħtija mill-parte civile ma kienetx titwemmen meta dan qal li kien l-appellant li rriversja fuqu bit-trakk tiegħu;
iii. Ma nġabetx l-aqwa prova li l-appellant ġarr arma li taqta' u bil-ponta mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, meritu tat-tielet imputazzjoni li tagħha nstab ħati;
iv. Ma kienx minnu li l-appellant hedded lill-parte civile, iżda kien il-parte civile li kien mar isegwi lill-appellant għas-sodisfazzjon liema mġieba ma kienetx kompatibbli ma min kien imbeżżża' minn theddid serju kif ġie allegat kontra l-appellant fil-ħames imputazzjoni;
v. Li l-elementi tar-reat tal-ksur tal-bon-ordni u l-paċi pubblika ma ġewx pruvati f'dan il-każ;
vi. Li l-ordni għas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan kienet saret fis-sensi tal-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali mentri ma kienx dak l-artikolu li kellu jiġi applikat f'dan il-każ.

4. Rat ukoll li l-Avukat Ġenerali ma kienx interpona appell minn din is-sentenza

## D. IL-PARTI ĠENERALI

5. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet.  Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005.  Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika**

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

---

**ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

7. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

8. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

10. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun

żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li</u>**

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-"best evidence rule", ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

22. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

23. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

24. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI FUQ IL-MERITU TAL-APPELL

### L-aggravji dwar il-meritu tal-kawża

### Ikkunsidrat

25. Qabel xejn din il-Qorti tinnota kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) a fol 5 tal-proċess kienet diġa prospettat li (l-ewwel) il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet kienu preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali in kwantu jirriżulta li l-appellant kien ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fit-3 t'Ottubru 2016[9] mentri r-reati li bihom ġie mixli seħħew fit-23 ta' Ġunju 2016. Iżda jirriżulta wkoll li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati

[9] kif jidher mir-referta a fol 6.

(Malta) ma komplietx issegwi dak mistqarr minnha f'dak il-verbal kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet meta fil-fatt eventwalment sabet lill-appellant ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet. Kwantu għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, din hija offiża ta' natura delittwali u li ġġorr magħha piena li tvarja bejn tminn xhur u erbatax il-xahar priġunerija u b'hekk kontra dak mistqarr mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-verbal tagħha imsemmi iżjed il-fuq, din l-ewwel imputazzjoni mhix preskrivibbli bi tliet xhur. Iżda l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet huma. U allura din il-Qorti sejra ex officio tieħu kont ta' dan fis-sentenza tagħha. F'dan is-sens allura din il-Qorti sejra teħles lill-appellant mill-ħames u sitt imputazzjonijiet lil hinn minn dak mistqarr fir-raba' u l-ħames aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

26. Illi kwantu għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, din il-Qorti rat li dawn jistrieħu prinċipalment fuq l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Kif intqal iżjed il-fuq, din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell ma taqbadx u tbiddel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fuq appell magħmul mill-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha kif ġieb u laħaq. Anzi. Għalkemm din il-Qorti terġa tifli, u f'ċerti każijiet, terġa tisma' x-xiehda hi stess, biss l-eżerċizzju li tagħmel u li huwa mistenni minnha ma huwiex li din il-Qorti tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sempliċiment għaliex ma tkun taqbel mal-apprezzament tal-provi magħmul minn dik il-Qorti; iżda tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati biss meta din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha in bażi għall-provi li jkunu nġiebu quddiemha. Bosta drabi jagħti li l-każ li din il-Qorti kif presjeduta ma tkunx taqbel mal-apprezzament tal-provi jew il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan mhux biżżejjed biex iwassal lil din il-Qorti tbiddel jew tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati – jekk dik il-Qorti tkun għamlet apprezzament sew tal-provi, b'mod li b'dawk li il-provi li kellha quddiemha hija setgħet xorta legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Bosta drabi l-provi quddiem dik il-Qorti jistgħu iwasluha għal aktar minn konklużjoni waħda. Jekk dik il-Qorti tasal għal konklużjoni partikolari u din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni – anke jekk din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjoni jew konklużjonijiet oħra – din il-Qorti ma taqbadx u tbiddel jew tħassar

dik il-konklużjoni ġaladarba jkun jidhrilha li dik il-Qorti setgħet xorta waħda tasal li b'mod raġjonevoli u skont il-Liġi tasal għall-istess konklużjoni.

27. Allura f'dan il-każ, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal tikkonkludi li fil-fatt in segwitu għad-diverbju li kien qam bejn l-appellant u l-parte civile – u wara li l-parte civile kien mar isegwi lill-appellant biex jeħodlu n-numru tat-targa tar-reġistrazzjoni tal-vettura misuqa minnu – l-appellant fil-fatt saq b'lura fuq il-vettura misjuqa mill-parte civile b'mod għalhekk li għamillu l-ħsara fuq il-vettura misjuqa minnu skont kif ġie pruvat ukoll kemm mix-xiehda tal-parte civile, kif ukoll mir-ritratti eżebiti nonche mill-istima rilaxxjata lill-parte civile minn Marlon Muscat tal-Boqri Garage.

28. Apparti minn hekk ladarba l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni, kien loġikament ifisser li l-manuvra ta' persuna li tkun qed issuq trakk kbir u li ssuq b'lura fuq vettura iżgħar li tkun warajha ma tistax ma titqiesx għajr ħlief manuvra perikoluża. Il-konsegwenzi minn manuvra ta' dan it-tip setgħu ikunu ferm serji. Ma nġiebet ebda prova li turi li din il-manuvra da parti tal-appellant kienet waħda involontarja. Anzi hu saħaq li ma għamel ebda tali manuvra u li kien il-parte civile li saq għal fuqu bil-karozza żgħira li kien qiegħed isuq. Il-Qorti tal-Maġistrati ma emnitx din il-verżjoni - kif kellha dritt tagħmel – u kkonkludiet li l-imġieba tal-appellant kienet waħda ta' natura volontarja u li kkawżat il-ħsarat fil-vettura misjuqa mill-parte civile kif ukoll kienet imġieba klassifikabbli bħala sewqan ta' vettura bil-mutur b'mod perikoluż.

29. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni aggravji għandhom jiġu miċħuda.

## Ikkunsidrat

30. It-tielet aggravju jilmenta mil-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aktar prova sħiħa u sodisfaċenti li l-każ jista' jagħti fir-rigward tas-sikkina li l-parte civile jixhed li ra f'idejn l-appellant fl-ewwel inċident li nqala' bejniethom dakinhar tal-każ. Din il-Qorti jidrhilha li l-kwistjoni f'dan il-każ mhix daqstant il-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta s-sikkina nnifisha bħala evidenza ta' dak li kellu fuqu l-appellant skont kif rah il-parte civile.

Wara kollox ġaladarba l-appellant ma kienx ġie perkwiżizzjonat mill-Pulizija fis wara dan l-inċident, bl-imsemmija sikkina tiġi elevata minnhom, huwa kellu biżżejjed żmien biex jekk irid jiddisponi minnha. B'daqshekk ma jkunx ifisser li dak li xehed il-parte civile ma jkunx prova soda jew sodisfaċenti sal-grad rikjest mill-Liġi.

31. Qabel xejn il-parte civile xehed li huwa ra lill-appellant b'sikkina – "knife" f'idu waqt li ġie mhedded li kien se joqtlu. It-tifsira ta' "sikkina" anke fin-nuqqas ta' deskrizzjoni tagħha taqa' fil-parametri ta' dak dispost mill-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kwistjoni li din il-Qorti ħasbet fuqha hi li mill-provi ma jirriżultax x'tip ta' "knife" il-parte civile kien qiegħed jitkellem dwarha. Mhux kull "knife" teħtieġ li tkun liċenzata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tkun tista' tiġi miżmuma jew biex xi ħadd iġorrha barra minn fond. Iżda t-test li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali trid tagħmel biex tiddetermina jekk l-artikolu 6 jkunx ġie vjolat huwa dupliċi :

(a) Tistħarreġ in-natura tal-istrument li jkun ġie msemmi mis-suġġett passiv jew xhud li s-suġġett attiv ikun qiegħed iżomm jew iġorr; u
(b) Jiġi stabbili x'użu jkun qiegħed isir minn dak l-istrument mis-suġġett attiv fil-mument rilevanti.

32. Dan it-test dupliċi joħroġ minn qari flimkien tal-artikoli 6 u 7 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

33. L-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi li:

> Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr majkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

34. Dan l-artikolu għandu żewġ eċċezzjonijiet misjuba fl-artikolu 7 tal-istess Liġi li jgħid:

> Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:
>
> (a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;
> (b) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawk il-finijiet.

35. F’dan il-każ, il-parte civile ma xehedx dwar id-daqs jew l-għamla ta’ din in-“knife” li jgħid li huwa ra lill-appellant jheddu biha. Ma tresqitx prova soda jekk din in-“knife” kienetx mus b’xafra li toħroġ mhux iżjed minn tminn ċentimetri mill-maqbad jew sikkina użata f’xi sengħa, studji jew għads. Il-provi juru pero li l-parte civile jgħid li, kienet x’kienet din is-sikkina jew mus, l-appellant użaha biex jheddu bil-mewt biha. Għalkemm din il-Qorti ma tistax issib lill-appellant ħati tar-reat ta’ theddid minħabba li dak ir-reat kontravvenzjonali kien preskritt mill-banda l-oħra din il-Qorti xorta tista’, u għandha, teżamina l-provi kollha b’riferenza wkoll għal dak imputat fit-tielet imputazzjoni.

36. Ir-reat ta’ theddid setgħa jiġi integrat b’kull tip ta’ “knife”[10] – indipendentement mid-daqs, għamla jew klassifikazzjoni tal-istrument li jkun ġie użat. B’hekk anke jekk, għall-grazzja tal-argument il-mus jew is-sikkina setgħu kienu jikklassifikaw bħala eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta minħabba d-daqs, għamla jew klassifikazzjoni tagħhom, mill-banda l-oħra f’dan il-każ ma jirriżultax li t-tieni parti tat-test li jrid isir skont l-artikolu 7 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta ġie sodisfatt.

37. L-eżenzjoni taħt l-artikolu 7 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta tapplika meta l-mus (inkluż jekk b’xafra li toħroġ mhux iżjed minn tminn ċentimetri mill-maqbad) jista’ raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus; u meta s-sikkina tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta’ għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawkil-finijiet. Salvi eċċezzjonijiet espressament imsemmija fil-Liġi, jekk isir użu ieħor differenti minn dan, allura din l-eżenzjoni ma tkunx tapplika fil-konfront ta’ min ikun qiegħed iġorr il-barra minn fond jew dintorni tiegħu tali mus jew sikkina.

38. B’hekk il-fatt li s-suġġett attiv juża mus jew sikkina biex jhedded persuna oħra bih, ma jistax jitqies li huwa jkun qiegħed

[10] Għalkemm f’dan il-każ it-theddida kienet ġiet addebitata fil-forma kontravvenzjonali tagħha, u li kif intqal iżjed il-fuq din il-Qorti kostretta li tikkonsidraha bħala preskritta minħabba li l-Prosekuzzjoni innotifikat lill-appellant b’dik l-akkuża wara li kienet waqgħet bil-preskrizzjoni ta’ tliet xhur, mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant mhux ħati tar-reat ta’ biża li se tintuża vjolenza kontra l-parte civile minħabba li kkunsidrat dik l-imputazzjoni mogħtija kontra l-appellant taħt l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali. Minn dik id-deċiżjoni l-Avukat Ġenerali ma appellatx, minkejja li dik l-istess imputazzjoni setgħet taqa’ taħt il-parametri tal-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi l-biża ta’ vjolenza kontra persuna anke f’okkażjoni waħda.

jagħmel użu minn mus b'mod li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus. L-użu li soltu jsir minn mus trid tinftiehem fis-sens li l-Liġi qed tirreferi għal użu leġittimu li soltu jsir minn mus u mhux ukoll użu li ma jkunx leġittimu, bħal meta persuna tiġi mhedda bih. Aktar ċara hija l-posizzjoni relattiva għas-skieken li jintużaw minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha jew għall-għads meta din is-sikkina minflok għal xi wieħed minn dawn l-għanijiet tiġi użata biex tiġi mhedda persuna oħra.

39. Għalhekk it-tielet aggravju jimmerita li jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

40. Is-sitt aggravju jitratta l-konsegwenza tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan imposta mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sensi tal-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

41. L-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi li:

> (2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.

42. Dan huwa l-artikolu fil-liġi speċjali regolanti l-użu ta' vetturi bil-mutur li jippreskrivi l-konsegwenza tal-iskwalifika tal-kisba jew żamma tal-liċenza tas-sewqan fil-każ li persuna tiġi misjuba ħatja ta' reat ta' sewqan ta' vettura bil-mutur bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż. Din il-konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija hija tassattiva.

43. Mill-banda l-oħra l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali, jippreskrivi regola ta' indoli ġenerali:

> 30.(1) Mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħrali tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-taħsir jew l-iskwalifika milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità oħra maħruġa mill-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra, meta xi persuna, sew bħala awtur jew kompliċi, tiġi dikjaratаħatja ta' reat kriminali li jkun sar –
> (a) fl-eżerċizzju jew dwar l-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xogħol ieħor li għalihomikun inħareġ jew jista' jinħareġ

f’isimha xi warrant,liċenza, permess jew awtorità mill-Gvern jew xiawtorità pubblika oħra; jew
(b) bl-użu jew permezz ta’ xi għodda, vettura, oġġett jewkull ħaġa oħra tkun li tkun li biex tinġarr, tinżamm,jew tintuża, tkun inħarġet jew tista’ tinħareġ liċenza, permess jew awtorità f’isimha,il-qorti tista’, barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabetħatja kif intqal qabel għal xi piena maħsuba mil-liġi għar-reat,tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, għal dak iż-żmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, liċenza, permessjew awtorità

44. Din ir-regola t’indoli ġenerali msemmija fl-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali mhix eskluża sempliċiment għaliex il-liġi speċjali tippreskrivi għall-istess konsengwenza. Din il-Qorti taqbel li kien ikun iżjed korrett għall-Qorti tal-Maġistrati li timponi dik il-konsegwenza taħt il-Liġi speċjali regolanti s-sejbien ta’ ħtija ta’ reat li jinvolvi l-użu tal-vetturi bil-mutur in kwantu dik hija Liġi speċjali. Iżda f’dan il-każ il-konsegwenza hija l-istess – sospensjoni, skwalifika jew taħsir ta’ liċenza maħruġa mill-Gvern jew xi Awtorita Pubblika oħra. Liċenza tas-sewqan hija liċenza li hija maħruġa minn Transport Malta, li hija Awtorita Pubblika. F’dan il-każ l-appellant ġietu tajba in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati imponiet sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għal perjodu ta’ tliet xhur. Iżda meta wieħed jara l-fedina penali tiegħu jara li din preżenti ma kienetx l-ewwel kundanna tiegħu taħt il-liġi speċjali tat-traffiku. B’hekk kieku dik il-Qorti applikat l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, hija kienet obbligata li f’dan il-każ tiskwalifika lil ħati għal perjodu ta’ mhux anqas minn sena! Iżda f’dan il-każ ma jirriżultax li sar appell mill-Avukat Ġenerali dwar dan il-punt u b’hekk din il-Qorti ma tistax tibdel is-sentenza appellata għall-agħar ossija “in peius”.

**Ikkunsidrat**

45. Għalkemm ma kienx hemm aggravji speċifiċi fuq il-fatt li l-appellant instab ħati li kkommetta r-reati de quo fi żmien operattiv ta’ sentenzi ta’ priġunerija sospiżi nonche bir-reċidiva, xorta waħda jibqa’ l-fatt li fit-talba tiegħu fl-appell huwa jagħmel riferenza speċifika għalihom b’talba partikolari biex din il-Qorti tħassar ukoll is-sentenza appellata fejn irrendiet operattivi s-sentenzi ta’ priġunerija sospiżi kif ukoll fejn ordnat il-ħlas tal-ispejjeż peritali u l-ħruġ tal-ordni tal-protezzjoni apparti t-talba biex titħassar fejn sabitu ħati tal-“akkużi kollha”. B’hekk din il-Qorti trid ukoll tinvesti dawn it-talbiet.

46. Kwantu għal dak li jirrigwarda t-tqegħid fis-seħħ tas-sentenzi ta' priġunerija sospiża din il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni preżentat kopji legali tas-sentenzi relattivi a fol 43 u fol 47. Iżda ma għamlet xejn iżjed minn hekk u ma prreżentat ebda prova oħra in sostenn għal dawn it-talbiet li għamlet. Donnu bil-fatt li ppreżentat dawn is-sentenzi ħassetha kunfidenti li pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar dak li jipprovdi l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) donnha mxiet fuq din il-premessa wkoll u sabet lill-appellant li huwa fil-fatt wettaq dawn ir-reati infraskritti matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża.

47. Qabel xejn jingħad li sewwa għamlet il-Prosekuzzjoni li preżentat kopji awtentiċi ta' dawk is-sentenzi li hija kienet qed issejjes l-argument u l-imputazzjonijiet relattivi tagħha. Dawk is-sentenzi huma parti mill-prova meħtieġa minnha. Iżda mhux biss. Riedet tipprova wkoll b'mod sikur kemm il-fatt tal-identiċita tal-identita tal-imputat mal-persuna kundannata b'dawk is-sentenzi, kif ukoll li dawk is-sentenzi kienu finali fil-konfront tiegħu. Minn dawn is-sentenzi tirriżulta pruvata l-identita tal-istess appellant grazzi għan-numru uniku identiku tal-karta tal-identita. Biss, stante li dawn huma żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u li allura minnhom setgħa sar appell lil din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova wkoll, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jew li ma kienx sar appell minn dawk is-sentenzi u li meta seħħew ir-reati infraskritti dawk is-sententi kienu res iudicata, jew inkella jekk kien sar xi appell minn dawk is-sentenzi, l-istess appell kien deċiż b'mod definittiv. Sentenza li ma tkunx għadha għaddiet in ġudikat tkun tista' tiġi mhux biss konfermata b'mod sħiħ, iżda tkun tista' tiġi mibdula f'partijiet minnha jew kompletament imħasra. B'hekk huwa meħtieġ li biex persuna tkun tista' titqies li wetqet ir-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha, dik is-sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tkun fil-fatt tifforma stat kontra l-imputat minħabba li tkun sentenza finali kontra tiegħu. Fin-nuqqas ta' dik il-prova, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tassumi li, għaliex ingħatat dik is-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza, allura jew li ma sarx appell minnha jew li l-appell kien deċiż u li kkonferma dik is-sentenza fl-interita tagħha et ċetera. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tista' tassumi xejn. Jispetta lil min jallega li jipprova dak li jkun qed jallega; u fil-każ tal-Prosekuzzjoni hija trid tipprova

dak kollu allegat jew imputat bi provi sikuri lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.[11]

48. F'dan il-każ, ma ġiex pruvat mill-Prosekuzjoni jekk, fil-mument meta ikkommetta r-reati de quo dawn dawk is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienux appellati jew kienux altrimenti res iudicata kontra tiegħu. B'hekk ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li r-reat ġie kommess matul il-perjodu operattiv tas-sentenza ta' priġunerija sospiża. Biex dan ikun jista' jiġi ritenut li seħħ huwa meħtieġ ukoll li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li meta seħħ ir-reat de quo, dan seħħ fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża li kienet finali kontra tiegħu u mhux li setgħet tiġi revokata.

49. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tas-seba' u tminn imputazzjonijiet u b'hekk l-appellant sejjer jiġi liberat minnhom.

**Ikkunsidrat**

50. Inoltre l-appellant ġie wkoll addebitat bir-reċidiva. Din il-Qorti diversi drabi saħqet li :

i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;
ii. Ir-reċidiva mhix reat per se iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-imputat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-imputat.[12]
iii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti in kwantu riferenza għall-fedina penali waħedha mhix suffiċjenti.

---

[11] Altrimenti kieku ma jkunx hekk, jekk gratia argomenti, f'aktar minn proċediment wieħed pendenti, l-ewwel proċediment li fih tkun ingħatat is-sentenza ta' priġunerija sospiża ma jkunx res iudicata u l-proċedimenti sussegwenti jkun ġie imputat li l-imputat wettaq ir-reat li wassal għat-tieni proċediment matul il-perjodu operattiv tas-sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija bl-ewwel sentenza meritu tal-ewwel proċediment, u jseħħ li t-tieni proċediment jiġi fi tmiemu b'sejbien ta' ħtija qabel ma jkun ġie deċiż l-appell rigward l-ewwel proċediment – inkluż b'sejbien ta' ħtija li kkommetta r-reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija fl-ewwel proċediment – fil-każ li l-appell iħassar is-sentenza fl-ewwel proċediment, jiġri li l-imputat fit-tieni proċediment ikun ġie misjub ħati ħażin li kkommetta r-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta priġunerija sospiża in kwantu din tkun ġiet imħassra fl-appell relattiv għall-ewwel proċediment. Din ma tkunx politika penali sana f'kull każ.

[12] Skont il-Marinucci u Dolcini fil-**Manuale di Diritto Penale:**

> La recidiva e' una **circostanza del reato**: in particolare si tratta di una circostanza aggravante soggettiva, e piu' precisamente una circostanza aggravante inerente alla persona del colpevole.

iv. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva, billi jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat, jew billi jkun hemm prova biċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-karta tal-identita jew minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat, jew mill-konnotati tal-imputat imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata u li tikkonferma l-identiċita tal-konnotati tal-persuna imputata mal-konnotati tal-persuna misjuba ħatja preċedentement mid-dokumenti li jkunu meħuda mill-proċess oriġinali.

v. Għall-fini tal-artikoli 50 u 53 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.

vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret **res iudicata** billi jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell Kriminali jew b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell jew almenu b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet **res iudicata**, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, l-istess posizzjoni ma tkunx tista' titqies li hija finali.

51. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jekk l-appellant kienx skonta s-sentenza jew inħafritlux il-piena u l-anqas jekk dawk is-sentenzi kienux res iudicata fiż-żmien meta kkommetta d-delitt. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant kien reċidiv fis-sensi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat**

52. Kwantu għat-talba għat-tħassir tal-parti tas-sentenza marbuta mal-ordni għall-ħlas tal-ispejjeż peritali, jirriżulta minn fol 34 et seq tal-proċess li din it-talba oriġinarjament kienet saret mill-parte civile li dak iż-żmien kien ukoll qiegħed għaddej proċeduri separati quddiem dik l-istess Qorti iżda li kienu mnissla mill-istess inċident. Fl-istess verbal intqal mill-parte civile li f'każ li huwa kellu jiġi misjub ħati kien se jiġi applikat fil-konfront tiegħu l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li f'każ li jiġi misjub ħati l-appellant, l-istess artikolu kien jiġi applikat fil-konfront tiegħu. Mill-proċess kontra l-parte civile li ġie wkoll eżebit f'dawn il-proċeduri fuq ordni ta' din il-Qorti jirriżulta li l-parte civile kien ġie misjub ħati tar-reat tal-ksur tal-paċi pubblika imputat lilu fir-raba' imputazzjoni, iżda dik il-Qorti naqset milli tapplika fil-konfront tiegħu (ukoll) id-disposizzjonijiet tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti tqis li l-iskop wara r-relazzjoni peritali f'dan il-każ kienet dik li tiffaċilita x-xogħol tal-partijiet u tal-Qorti fl-evalwazzjoni tal-prova tar-reġistrazzjoni relattiva u li tagħha saret it-traskrizzjoni. Dan l-eżerċizzju kien utli għaż-żewġ proċedimenti u wassal għad-determinazzjoni taż-żewġ każijiet.

53. Dil-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li biha ordnat lill-appellant iħallas l-ispejjeż peritali kienet korretta fil-prinċipju. Dak li pero din il-Qorti ma tqisx li huwa legalment u raġonevolment korrett huwa li takkolla dawn l-ispejjeż kollha lill-appellant. Dawk l-ispejjeż kien messhom ġew distribwiti bejn l-appellant u l-parte civile f'ishma ndaqs bejniethom. B'hekk din it-talba sejra tintlaqa' in parti billi l-ordni tal-ħlas tal-ammonti rappreżentanti l-ispejjeż peritali mill-appellant tiġi mnaqssa bin-nofs.

**Ikkunsidrat**

54. Inoltre peress li din il-Qorti sejra tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, nonche wara li qieset il-kuntest li dawn ir-reati seħħew fih, din il-Qorti tqis li l-ordni tal-protezzjoni fil-konfront tal-parte civile hija meritevoli u għandha tibqa' fis-seħħ.

**Ikkunsidrat**

55. Illi kwantu għal dik il-parti tat-talba li biha intalab it-tħassir tal-piena inflitta għar-reati li tagħhom l-appellant instab ħati fl-ewwel,

tieni, t-tielet il-ħames, is-sitt u d-disa imputazzjonijiet jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' sitt xhur priġunerija komplessivi. Minn qari tal-artikoli tal-Liġi huwa ċar li hawnhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħadet żball fil-kalkolu tal-piena li hija imponiet in kwantu l-piena inflitta kienet taħt il-minimum preskritt u f'dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet speċjali u straordinarji li in bażi tagħhom dik il-Qorti setgħet timponi piena taħt il-minimum preskritt. Fi kwalunkwe każ, ebda tali raġuni ma ġiet speċifikata espressament fis-sentenza appellata.

56. Jibda biex jingħad li fl-2016, għar-reat taħt l-ewwel imputazzjoni, iġifieri l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-Liġi kienet tippreskrivi piena li tvarja bejn tminn xhur priġunerija u erbatax il-xahar priġunerija. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma semmiet imkien li kienet qegħda timponi l-piena ridotta skont kif imsemmi fil-proviso għal dak l-artikolu minħabba provokazzjoni. Anzi jidher li hija kienet ikkargat il-piena tagħha minħabba l-konsiderazzjonijiet li għamlet dwar il-passat tal-appellant li xellef difru mal-ġustizzja diversi drabi u fejn qalet li minħabba li ma tgħallimx kien jimmerita piena karċerarja effettiva.

57. Għat-tieni imputazzjoni, iġifieri l-ksur tal-artikolu 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kien hemm il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn €232.94 jew priġunerija mhux iżjed minn tliet xhur.

58. Ma jirriżultax li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset it-tieni imputazzjoni bħala mezz għall-fini li biha ġie kommess ir-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni biex b'hekk ikun hemm, biss għall-fini tal-piena, l-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni.

59. Imbagħad hemm ukoll is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni fejn il-piena skont l-artikolu 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik ta' multa ta' €116.47. Il-Qorti tal-Maġistrati ma mponiet ebda multa, iżda din il-Qorti tista' tifhem li għamlet dan minħabba li kienet (erronjament) qieset lill-appellant bħala reċidiv fis-sensi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk awmentat il-piena ta' multa bi grad biex b'hekk skont l-artikolu 31(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali telgħet għal piena ta' priġunerija mhux iżjed minn tliet xhur.

60. Il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet kienu kontravvenzjonali u l-Qorti tal-Maġistrati probabbilment qiesithom bħala miżjuda wkoll bi

grad stante r-reċidiva biex b'hekk fin-nuqqas t'imposizzjoni ta' multa donnu jidher li l-Qorti tal-Maġistrati applikat l-artikolu 31(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali bħala li jawmenta l-piena għal priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

61. Iżda kif issemma' iżjed il-fuq f'din is-sentenza, l-Avukat Ġenerali ma appellatx minn din is-sentenza, fl-ebda parti tagħha – l-anqas fuq il-piena mogħtija taħt il-minimum. Iżda issa din il-Qorti minħabba f'hekk ma tistax tirrevedi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati in kwantu din diġa tinsab taħt il-minimum previst mill-Liġi. Anke jekk kellha tnaqqas il-piena stabbilita minħabba li din il-Qorti ma sabetx lill-appellant ħati tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, nonche tar-reċidiva, jibqa' l-fatt li għall-ewwel imputazzjoni biss, l-appellant kien suġġett għal minimu ta' tminn xhur priġunerija u mhux sitt xhur komplessivi. Iżda issa f'din is-sitwazzjoni l-iżjed li din il-Qorti tista' tagħmel huwa li tħalli dik il-piena kif inhi peress li ma tistax iżżidha biex tlaħħaq mal-minimum tal-piena stabbilita fl-ewwel imputazzjoni.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell in parti billi tikkonferma s-sentenza appellata :

(a) f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni;
(b) f'dik il-parti fejn sabitu mhux ħati tar-raba' imputazzjoni u fejn minnha huwa ġie liberat;
(c) f'dik il-parti fejn ħarġet l-ordni ta' protezzjoni kontra tiegħu u favur tal-parte civile;
(d) f'dik il-parti fejn dik il-Qorti ordnat li l-imputat ma jkunx jista' jottjeni jew iżomm liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tliet xhur (u li issa għandhom jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta' meta jkun skonta dis-sentenza komminata lilu); kif ukoll
(e) f'dik il-parti fejn ordnat li s-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur sabiex jiġbor il-flejjes dovuti lilu skont din is-sentenza;

filwaqt li tħassarha :

i. f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet u b'hekk minnhom tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza u dan stante l-improċedibilita' fil-konfront tal-appellant għal dawn iż-

żewġt imputazzjonijiet stante li kienu estinti minħabba d-dekorrenza tal-preskrizzjoni trimestrali;

ii. f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tas-seba' u tminn imputazzjonijiet, u b'hekk tqis li minħabba li ma ġiex pruvat li s-sentenzi msemmija f'dawn l-imputazzjonijiet kienu res iudicata kontra tiegħu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tordna li dawn is-sentenzi sospiżi jiġu fis-seħħ u b'hekk tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li dawn is-sentenzi jiġu fis-seħħ u fejn ikkundannatu għal perjodu addizzjonali ta' disa' xhur priġunerija;

iii. f'dik il-parti fejn huwa kien ġiet ritenut reċidiv fis-sensi tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

iv. f'dik il-parti fejn imponiet il-piena ta' sitt xhur priġunerija komplessivi fir-rigward tal-ewwel, tieni, tielet, ħames, sitt u disa' imputazzjonijiet;

v. kif ukoll fejn ordnatlu li jħallas l-ispejjeż peritali kollha fis-sens tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

u minflok :

a. (fid-dawl tal-kjarifika msemmija iżjed il-fuq dwar il-piena taħt il-minimum inflitta fis-sentenza appellata u l-impossibilita li din il-Qorti tieħu azzjoni dwarha minħabba nuqqas t'appell mill-Avukat Ġenerali) tħalli l-piena ta' sitt xhur priġunerija imposta fis-sentenza appellata iżda biss b'riferenza għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan pero li tqis it-tieni imputazzjoni assorbita għall-fini tal-piena fl-ewwel imputazzjoni stante li hemm ir-rabta tal-mezz għall-fini biex jitwettaq ir-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni fis-sens tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali;
b. Stante li l-appellant ma ġiex misjub li huwa reċidiv, iżda xorta waħda ħati tar-reat imsemmi fit-tielet imputazzjoni, tikkundannah għall-piena ta' multa fl-ammont ta' mija u sittax il-euro sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47);
c. U tordnalu jħallas nofs l-ispejjeż peritali fis-sens tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

U salvi l-kjarifiki magħmula iżjed il-fuq u safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**